Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 137/2015/1

**Cassar & Cooper Limited (C 2871)**
**(appellata)**

**Vs**

**Marvin Ghirxi (ID 328178M) u Melissa Susan Ghirxi (ID 522492M)**
**(appellanti)**

17 ta' Ġunju, 2019.

1. **L-intimati appellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħlas lura ta' salarju li ssostni li ħallset żejjed lill-intimat.**

2. Fil-qosor mill-atti jirriżulta li:

   2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti talbet li l-intimati jiġu kkundannati jroddulha lura s-somma globali ta' tmint' elef, disa mija u tlett Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€9,316.89) [sic] dovuta stante li ġiet indebitament imħallsa fil-forma ta' salarju għal xogħol u sahra lill-intimat Marvin Ghirxi skont kalkolu żbaljat, jew kull somma oħra verjuri, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha skont il-liġi, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1638/14;

   2.2. L-intimati wieġbu[1] illi:

      i. L-ammont mitlub mir-rikorrenti bil-kliem huwa inkompatibbli mal-ammont imniżżel f'figuri;

[1] Fol. 6 – 9.

ii. Melissa Susan Ghirxi m'hijiex leġittimu kontradittur stante li qatt ma kienet impjegata tar-rikorrenti;

iii. It-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li Marvin Ghirxi tħallas somom żejda fil-forma ta' salarju għal xogħol u sahra;

iv. L-intimat kien ilu jaħdem mar-rikorrenti għal madwar 18-il sena u matul dan il-perjodu qatt ma ngħata kuntratt bil-miktub tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu inkluż l-ammont ta' paga. Għalkemm huwa ġie mgħarraf li mill-2012 kien se jingħata żieda mal-paga li kellu huwa qatt ma ġie nfurmat eżattament b' kemm kienet se tiżdiedlu l-paga.

2.3. Permezz ta' digriet datat 3 ta' Lulju 2015 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex il-kliem tmint elef disa' mija u tliet Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu fir-rikors promutur jiġu sostitwiti bil-kliem disat elef tliet mija u sittax-il Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu.[2]

2.4. Fil-21 ta' Novembru 2016 il-Qorti kif presjeduta laqgħet it-talba konġunta tal-partijiet tal-1 ta' Novembru 2016 sabiex l-atti jintbagħtu quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta sabiex il-kawża odjerna tiġi konnessa mal-kawża fl-ismijiet ***Cassar & Cooper Ltd vs Micallef Stephania et*** Avviż Numru 138/2015 FDP.[3]

2.5. Fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2017 il-partijiet qablu li l-provi miġbura fil-kawża 318/15 FDP, safejn applikabbli, japplikaw f'dan il-każ ukoll.[4]

2.6. Permezz ta' rikors intavolat fid-9 ta' Ġunju 2017 l-intimati ssollevaw u talbu li tiġi ammessa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Lulju 2017.[5]

2.7. B'sentenza mogħtija fl-4 t'Ottubru 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, laqgħet it-talba u ikkundannat lill-intimati Marvin Ghirxi u Melissa Susan Ghirxi in solidum

---

[2] Fol. 10.
[3] Fol. 25.
[4] Fol. 49A.
[5] Fol. 63 – 64.

bejniethom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti Cassar & Cooper Limited is-somma ta' **disat elef, tlett mija u sittax-il Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu** (€9,316.89), bl-ispejjeż kollha tal-proċeduri u imgħax kalkolabbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv a karigu tal-intimati in solidum bejniethom.

3. L-intimati appellaw. L-aggravju hu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha għaliex mhux minnu li r-rikorrenti irnexxielha tipprova l-każ tagħha.

4. L-appellata da parti tagħha tikkontendi li in kwantu l-appell tal-intimati huwa bbażat biss fuq il-kredibbiltà tax-xhieda, din il-Qorti m'għandiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi miġbura quddiemha. Tgħid li s-sentenza appellata hija waħda korretta, ġusta u attendibbli b'dan illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż in kwantu infondat.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et - vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[6]

6. Dan stabbilit, mill-atti proċesswali ma jirriżultax li f'dan il-każ hemm raġunijiet gravi li jimmeritaw li din il-Qorti tissostitwixxi l-apprezzament tal-provi żvolt mill-Ewwel Qorti.

7. Il-fatti jinsabu riassunti mill-Ewwel Qorti kif ġej:

> *'1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi s-socjeta rikorrenti kienet impjegat lill-intimat fis-sena 1996 bhala clerk u l-intimat baqa' impjegat mas-socjeta intimata*

[6] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.

*u beda jinghata responsabbiltajiet oghla tant illi huwa kien imexxi d-Dipartiment tal-General Sales Agency illi kellha s-socjeta rikorrenti tal-kumpannija Emirates Sky Cargo flimkien ma' persuna ohra, ossija Stephania Micallef.*

*2. Jirrizulta illi, mument minnhom, ghas-sajf tas-sena 2011, l-intimat kien avza lis-socjeta rikorrenti, u partikolarment lill Mario Debono, illi kien responsabbli mid-Dipartiment tal-General Sales Agency, illi huwa kien inghata offerta ta' impjieg ahjar u kien qieghed jikkunsidra illi jitlaq. Gharrfu ukoll illi anke Stephania Micallef inghatat tali offerta ta' impjieg ahjar.*

*3. Jirrizulta illi sussegwentement Mario Debono ltaqa' ma' l-intimat sabiex jistharreg minghandu x'kienet din l-offerta ahjar u gharraf lill-intimat illi kien ser jiddiskuti s-sitwazzjoni mal-Bord tas-socjeta rikorrenti filwaqt illi ma tahx indikazzjoni dwar x'kellha tkun il-paga l-gdida.*

*4. Jirrizulta illi l-Bord tas-socjeta rikorrenti eventwalment iddiskutiet l-paga ta' l-intimat u qablet illi l-paga tieghu kellha tizdied b'effett minn l-1 ta' Jannar 2002, u ta' dan Mario Debono kellu jgharraf lill-intimat peress illi d-Dipartiment kien jaqa' taht ir-responsabbiltajiet tieghu.*

*5. Jirrizulta illi fl-24 ta' Novembru 2011 Mario Debono kellem lill-intimat kif ukoll lill Stephania Micallef flimkien ma' Raymond Buttigieg, illi huwa l-General Manager tas-socjeta rikorrenti, fejn gharrafhom verbalment biz-zieda illi kienet ser tinghata.*

*6. Jirrizulta illi sussegwentement, dakinhar stess, fl-14.20pm (fol 28), Mario Debono kiteb lill-membri tal-Bord u gharrafhom b'dan li gej:*

> *"we have early this morning spoken to Marvin and Stephania along the lines that we will give them €1,700 + €200 petrol allowance as from 1st January 2012. This was well received by them."*

*7. Jirrizulta illi sa Dicembru 2011, il-payslip ta' l-intimat (fol 43 fil-process 138/15) kienet tindika illi l-'basic salary' ta' l-intimat kien ta' €1,549 salv hlasijiet ta' overtime.*

*8. Jirrizulta illi f'Jannar 2012, il-payslip ta' l-intimat (fol 14 fil-process 138/15) bdiet tindika illi l-'basic salary' ta' l-intimat issa kienet ta' €1,900 salv hlasijiet ta' overtime.*

*9. Jirrizulta illi la l-management tas-socjeta rikorrenti u wisq anqas l-intimat stess ma' indunaw illi kien hemm zball fil-paga illi kienet qed tinhareg lill-intimat kull xahar.*

*10. Jirrizulta illi kien biss f'Marzu tas-sena 2014 illi David Scerri, li huwa l-Finance Director tal-Accounts Department tas-socjeta rikorrenti, intebah li l-intimat kien qieghed jithallas €200 aktar milli kien dovut, u dana sa minn Jannar tas-sena 2012.*

*11. Jirrizulta illi, fl-20 ta' Marzu 2014, is-socjeta rikorrenti, u precizament Raymond Buttigieg li kien General Manager, David Scerri, li kien Financial Manager u Mario Debono ltaqghu ma' l-intimat u gharrfuh bl-izball kien qed jithallas aktar milli kien dovut.*

*12. Jirrizulta illi ghalkemm inizzjalment l-intimat ta x'jifhem illi setghet tinstab soluzzjoni, eventwalment l-intimat irrifjuta illi jirrifondi dak imhallas u, meta s-socjeta rikorrenti gharrfitu illi kienet ser taggusta l-paga b'effett minn April ta' dik*

*is-sena, huwa ma ghand l-ufficjali tad-Dipartiment ta' l-Impjiegi illi, da parte taghhom gharrfu lis-socjeta rikorrenti illi ma setghux jnaqqsu l-paga ta' l-intimat.*

*13. Jirrizulta illi eventwalment, s-socjeta rikorrenti ghalqet id-Dipartiment tal-General Sales Agency minhabba li ma kienetx qed tirrendi kif mixtieq u b'effett mis-27 ta' Awissu 2014 lintimat ma' baqax impjegat tas-socjeta rikorrenti. (Rik Nru 138/15 – fol 40)*

*14. Jirrizulta illi, nelfrattemp, fit-28 ta' Mejju 2014, is-socjeta rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali Nru 1638/14 lill-intimati fejn talbithom jirrifondu s-somma ta' hamest elef u tmien mija (€5,800) bhala salarju zejjed u s-somma ta' elfejn u sitta u hamsin Euro u erbgha u sittin centezmu (€2,056.64) bhala sahra zejda. (Rik Nru 138/15 – fol 45)*

*15. Jirrizulta illi sussegwentement, meta bdew il-proceduri odjerni, s-socjeta rikorrenti talbet ir-rifuzjoni tas-somma ta' disat elef, tlett mija u sittax-il Euro u disgha u tmenin centezmu (€9,316.89) ossija sitt elef, hames mija u erbghin Euro (€6,540) f'salarju zejjed bejn l-1 ta' Jannar 2012 u id-19 ta' Settembru 2014 u elfejn sebgha mija u sitta u sebghin Euro u disgha u tmenin centezmu (€2,776.89) bhala sahra zejda imhallsa ghall-istess periodu.'*

8. Il-pern tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija li filwaqt li l-appellant u l-kollega tiegħu Stephania Micallef[7] jikkontendu li ġew infurmati biss li b'effett minn Jannar 2012 se tiżdidilhom il-paga f'ammont sostanzjali u ma ngħatawx tagħrif b'kemm, il-kumpannija appellata ssostni li fl-24 ta' Novembru 2011 hija kienet speċifikament infurmat lill-appellant u lil Stephania Micallef li minn Jannar tal-2012 l-paga tagħhom kienet ser tkun €1,700 *basic gross* + €200 *fuel allowance* fix-xahar.

9. L-Ewwel Qorti irraġunat li l-kawża li pproponiet ir-rikorrent hi ta' '*indebito solutio' ai termini* tal-Artikolu 1023 tal-Kodiċi Ċivili:-

*'1023. (1) Dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas.*

*(2) Iżda, jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss.'*

10. Bejn il-kontendenti ma jirriżultax li hemm xi kontestazzjoni dwar dan. L-appellant stess ibbaża l-appell tiegħu fuq dik id-disposizzjoni (ara fol. 6 et seq. tar-rikors tal-appell).

11. Kien fuq l-attriċi l-oneru tal-prova li:-

   i. ħallset l-ammont li talbet;

[7] *di sua volta* appellanti fil-każ numru 138/2015 fl-ismijiet ***Cassar & Cooper Ltd vs Micallef Stephania et*** li qiegħed jimxi kontestwalment mal-każ odjern.

ii. li dak li tħallas ma kienx dovut lil min ħallsu;
iii. li kien hekk ħallas minħabba żball.[8]

12. Bla dubju l-appellata ppruvat dawn it-tlett elementi. Il-fatt li s-somma reklamata effettivament tħallset lill-appellat mhux kontestat. L-appellata ġabet ukoll prova li dak reklamat minnha ma kienx dovut lill-appellant u li dan tħallas lilu biss bi żball.

13. **David Scerri**, *Finance Director* fl-*Accounts Department* tal-appellata spjega:

> *'... niftakar sewwa li d-diretturi kienu ddeċidew li jirrevedu s-salarji tal-intimati billi lil Marvin Ghirxi jżiduh minn elf ħames mija u disa' (€1,549) gross fix-xahar għal €1,700 gross fix-xahar mentri lil Stephania Micallef jżiduha minn €1,236 gross fix-xahar għal €1,700 gross fix-xahar. Barra minn dak is-salarju bażiku, il-petrol allowance ġiet reviżjonata wkoll fis-sens li żdiedet minn tmienja u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€88.50) għal mitejn Ewro (€200) fix-xahar bil-patt u l-kundizzjoni li jgħaddulna l-irċevuti fiskali.*
>
> *3. F' Jannar kont lura Malta u hekk kif nagħmel ta' kull sena, bdejt naġġorna s-salarji tal-impjegati kollha tagħna skont ir-rakkomandazzjonijiet tad-diretturi. F'dan il-każ partikolari irreferejt għal email li rċevejt mingħand id-diretturi datata 24 ta' Novembru 2011 hawn annessa.* ***Meta ġejt biex nibda noħroġ il-pagi tal-intimati bir-rati l-ġodda, b' xi mod jew ieħor iżda żgur bi żball tiegħi daħħalt f'rasi l-figura ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) u din hija s-somma li bdejt inħallashom mill-Head Office kif jirriżulta mill-payslip tal-1 ta' Jannar, 2012 li qiegħed hawn nannetti u nimmarka għar-referenza bħala Dokument 'C4' ... Minbarra dan, l-uffiċju tal-GSA ġewwa Ħal Luqa kien qiegħed iħallas il-mitejn Ewro (€200) tal-petrol allowance. Dan ifisser li effettivament huma kienu qegħdin sa mill-1 ta' Jannar 2012 jirċievu s-somma ta' mitejn Ewro darbtejn, darba bħala allowance mill-uffiċju ta' Ħal Luqa u darba oħra mingħandi bħala parti mis-salarju bażiku, u dan bi żball tiegħi. Ovvjament dan l-iżball fis-salarju bażiku ssarraf direttament ukoll fi żball ieħor u ċioé dak fil-konteġġi tas-siegħat ta' sahra li kienu jaħdmu dawn l-uniċi impjegati tal-GSA.***
>
> *4. Dwar dan ma ġibduli l-attenzjoni qatt la Ghirxi u lanqas Micallef u għalhekk dan l-iżball baqa' jirrepeti ruħu għal xhur sħaħ;*
>
> *5. Dan l-iżball kxiftu waqt eżerċizzju li konna qiegħdin nagħmlu f'Marzu tal-2014 sabiex nistudjaw jekk u kif setgħetx il-GSA tbaxxi l-ispejjeż u topera iżjed effiċjentement. Niftakar ċar li jien u l-kollega tiegħi Raymond Buttiġieġ konna qiegħdin nqabblu l-costings preparati għal dan il-għan. Filwaqt li jien kont qiegħed dejjem nasal għall-figura ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900) salarju bażiku + mitejn Ewro (€200) allowance, Buttigieg kien dejjem jirrimarkali l-working ta' elf u seba' mitt Ewro (€1,700) salarju bażiku + mitejn Ewro (€200) għall-petrol allowance. Irreferejt għall-email u kkonfermajt li kont jien attwalment li kont qiegħed niżbalja. Immedjatament sejjaħt liż-żewġ impjegati sabiex niltaqgħu ...'*[9]

[8] ***Anna Maria Gauci et vs Salvino Farrugia et,*** Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-24 ta' Ġunju 2016.
[9] Fol. 12.

14. Effettivament, skont email datata 24 ta' Novembru 2011, mibgħuta minn Mario Debono, *Deputy General Manager,* lil membri tal-Bord kollha u li fiha ġie nkluż David Scerri:

> *'We have early this morning spoken to Marvin and Stephania along the lines that **we will give them €1,700 + €200 petrol allowance as fron 1st January 2012**. This was well received by them.'*[10]

15. L-istess **Mario Debono** xehed illi:

> *'Niftakar li fl-24 ta' Novembru 2011 kienet saret laqgħa ma' Ghirxi u Micallef sabiex nirrevedu l-kundizzjonijiet tagħhom. Għal din il-laqgħa kien preżenti ukoll il-kollega tiegħi Raymond Buttigieg, ossija l-General Manager ta' Cassar & Cooper Limited. Waqt il-laqgħa iddiskutejna t-termini tal-impieg tagħhom u r-reviżjoni tas-salarju tagħhom li kellna f'moħħna ...*
>
> *5. F' din il-laqgħa lil **Ghirxi u Micallef infurmajnihom li mill-bidu tal-2012 il-paga tagħhom kienet ser tiżdied għal elf u seba' mitt ewro (€1,700) gross fix-xahar u dan dejjem barra mitejn Ewro (€200)** petrol allowance li wkoll kienet ġiet riveduta. Din l-allowance kienet titħallas b'cheque mill-uffiċċju tas-soċjetà tagħna ġewwa Ħal Luqa u dejjem fuq il-presentazzjoni tal-irċevuti relattivi. Kemm Ghirxi kif ukoll Micallef kienu esprimew ruħhom sodisfatti biż-żieda li offrejnielhom u għaldaqstant aċċettawha.'*[11]

16. **Ray Buttigieg**, *General Manager* tal-appellata ikkonferma dan kollu.[12]

17. L-appellant da parti tiegħu qal li Mario Debono kien talbu jmur ħdejħ fejn il-*golf course* tal-Marsa u hemmekk għarrfu li hu u Stephania Micallef kienu se jingħataw żieda sostanzjali fil-paga minn Jannar 2012 **iżda ma speċifikalux kemm**:

> *'.. . għall-ħabta ta' Novembru fejn niftakar li kien il-Ħadd waranofsinhar, jiena kont duty mal-flight u ċempilli Mario Debono fejn qalli biex ninżel sa ħdejħ ġewwa l-Marsa fejn il-Golf Course wara li nlesti mill-flight għaliex kellu aħbar tajba x'jagħtini. Meta mort nara x'ried dan qalli li kien tkellem mal-Bord ta' Cassar & Cooper kif kien wegħdni u l-Bord approva illi kemm jien kif ukoll Stephanie ningħataw paga ħafna aħjar minn dik li konna qed nirċievu qabel u li kienet se tinkludi ukoll xi allowances għaliex fi kliemu stess ma kienux jaffordjaw li aħna nagħtu s-sensja minħabba l-fatt li l-klijenti tal-Emirates kienu għamluha ċara magħhom li riedu lilna bħala persuni kkwalifikati ġewwa l-Uffiċċju tal-Cargo. Mario qalli biex nilħaq ninforma u navża lil Stephanie fejn riedna nistennew sa Jannar u minn Jannar konna se nibdew nirċievu żieda sostanzjali u fejn it-tnejn li aħna konna se nibdew nieħdu l-istess paga minħabba li konna nagħmlu l-istess xogħol. Qalli li l-paga kien ser ikollha parti minnha bħala fuel allowance biex b'hekk niffrankaw parti mit-taxxa. **Ngħid illi kemm jien kif ukoll Stephanie aċċettajna din il-proposta peress li Mario kien qalilna illi kienet se tkun żieda sostanzjali u għalhekk iddeċidejna li naċċettaw tali proposta**.'*[13]

---

[10] Fol. 28.
[11] Fol. 20.
[12] Fol. 40 .
[13] Fol. 79 tal-proċess 138/2015.

18. **Stephania Micallef** tgħid li l-appellant tenniela l-istess kliem hu li hija kienet aċċettat il-proposta.[14]

19. Iżda dwar il-laqgħa' li saret fl-i*sports grounds* tal-Marsa **Mario Debono** in kontro-eżami xehed:

> *'... l-iskop ta' dak il-meeting kien ... Dik l-okkażjoni kienet biex jiena nieħu ... **biex jiena nieħu ndikazzjoni mingħandhom**, għax huma ... peress li huma kienu fl-istess ħin jaħdmu fl-uffiċċju tal-Emirates, kienu f'sitwazzjoni li sħabhom li kien hemm impjegati mal-Emirates kellhom idea l-pagi tagħhom x'kienu. U tlabthom ituni ndikazzjoni huma, lil Marvin biex kienu jkunu kuntenti. U bil-livell li kienu qaluli jekk niftakar sew kien xi ħaga anqas milli tajnihom aħna plus li kienu semmewli li kellhom il-health insurance, ukoll illi aħna ma nistgħux nagħmluha dik, ma nagħmluhiex. **U minn hemm jiena stajt nagħti ndikazzjoni lid-diretturi tiegħi x'għandna noffrulhom biex inkunu nistgħu naslu** forsi Marvin u Stephania jibqgħu magħna u l-Emirates jaqtgħu qalbhom milli jitterminaw il-kuntratt.'*[15]

20. Mistoqsi jekk l-appellant semmilux xi figuri, Mario Debono wieġeb fl-affermattiv iżda ma ftakarx x'kien dak l-ammont. Mistoqsi jekk kienx €1,900 qal li żgur li le[16] u reġa' qal li wara l-episodju tal-Marsa kien sar *Board Meeting* u sussegwentement saret laqgħa mal-appellant u Stephania Micallef u kienu infurmati dwar l-ammont approvat.[17]

21. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fis-sens illi verżjoni tal-appellant u ta' Stephania Micallef m'humiex kredibbli. Il-qorti ssibha diffiċli temmen lill-appellant li ma kienx infurmat b'kemm kien ser jiżdied is-salarju li kellu. Wara kollox is-salarju hu żgur l-iktar ħaġa importanti għall-impjegati. Dan iktar u iktar jekk kif qal l-appellant u Stephania Micallef, kellhom prospetti ta' xogħol oħra għal salarju bażiku ta' ċirka €2,000 fix-xahar.

22. L-email tal-24 ta' Novembru, 2011 hi fiha nnifisha prova li l-Bord tad-Diretturi kien approva żieda fis-salarju tal-appellant. Żieda li kienet ser tfisser salarju ta' €1,700 u €200 *fuel allowance*. Email li minnha jirriżulta wkoll li Debono kien għarraf lill-appellant u Stephania Micallef, b'kemm kien ser jiżdied is-salarju u li kienu aċċettaw. Email li ntbgħatet fiż-żmien li kienet approvata ż-żieda. Ma sar l-ebda argument li jista' jpoġġi fid-dubju l-ġenwinita' ta' dak id-dokument. Fil-fehma tal-qorti dik l-email hi l-aħjar prova li tikkorabora dak li xehedu Debono, Scerri u

[14] Fol. 52 tal-proċess 138/2015.
[15] Fol. 99.
[16] Fol. 100.
[17] Fol. 102.

Buttigieg. Ma jirriżultax li wara dik l-email kienet saret xi laqgħa oħra fejn reġgħet ġiet diskussa ż-żieda li kellu jingħata appellant.

23. Din il-Qorti hi konvinta li saret il-laqgħa tal-24 ta' Novembru 2011 li għaliha tirreferi l-email a fol. 28. Ladarba l-ammonti kienu approvati mill-Bord tad-Diretturi, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-appellant u Micallef ma ġewx infurmati x'kienet ser tkun iż-żieda. Dan iktar u iktar meta huma stess qalu li kellhom offerta ta' impieg b'paga ferm aħjar. Il-qorti ma tistax temmen lill-appellant meta jgħid li ma kienx infurmat kemm kellha tkun iż-żieda fis-salarju. Dan meta hu stess qal li kellu offerta b'paga ta' madwar €2,000 u lil Debono kien infurmah li kien beħsiebhom jagħtu n-notice ta' terminazzjoni tal-impieg għaliex kienu sabu *"xogħol b'paga ħafna aħjar"*.[18]

24. Il-qorti żżid li Debono xehed li waqt laqgħa l-appellat kien aċċetta li tħallas żejjed (ara paragrafu 9 tal-affidavit). Verżjoni korraborata minn Ray Buttigieg u David Scerri. L-appellant ta verżjoni li waqt dik il-laqgħa kien inħasad u li d-diskors ma kienx ċar, *"…. **u jiena ma ntbaħtx li l-ammont ma kienx għaliex kienet inħadmet paga ħażina tal-aħħar xahrejn** iżda li kien hemm żball ta' paga żejda mis-sena elfejn u ħdax (2011) u għalhekk imbagħad infurmajt lil David Scerri li xtaqt niċċekja l-affarijiet sewwa kif inhuma"*.[19] Il-qorti ssibha diffiċli temmen din il-verżjoni meta tikkunsidra li l-kwistjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-aħħar xahrejn salarju. Hemm differenza kbira bejn xahrejn paga u snin ta' ħlas żejjed. Għall-qorti hu evidenti li kien biss wara li tkellem mal-kollega tiegħu Stephanie Micallef, li l-appellat beda jikkontesta l-pretensjoni tal-appellata. Dan hu evidenti minn email li l-appellant bagħat lil David Scerri (kopja lil Ray Buttigieg u Mario Debono) fl-20 ta' Marzu, 2014 fejn kiteb:

> *"Dear David,*
>
> *I totally disagree with you, in the meeting last Thursday you took me by surprise and **I was totally unprepared and baffled by the way you approached me after all these years demanding such an amount of money from me.***
>
> *The call that I made to Ray on Friday 21st March 2014 10.15 am I was only ckecking and verifying some information.*
>
> ***What I said on Thursday during the meeting was totally without any prejudice and I have all the rights to check that what was discussed is within and acceptable by the law which in fact isn't.***

[18] Ara affidavit tal-intimat.
[19] Ara affidavit tal-intimat.

*As I said we will send our final decision in wirting later".*

25. Kliem li jikkonvinċi lill-qorti li l-appellant kien jaf tajjeb dwar x'kienet il-pretensjoni tal-appellata meta l-uffiċjali tal-kumpannija iltaqgħu miegħu u nfurmawh li kien irċieva *overpayment* tas-salarju. Laqgħa li ma kellha x'taqsam xejn mas-sahra. Hu wkoll evidenti li fl-aħħar parti tal-email l-appellant ipprova jbenġel il-fatt li waqt il-laqgħa kien irrikonoxxa li kien irċieva salarju żejjed. Dan ovvjament għaliex kien infurmat mill-bidunett kemm kellha tkun iż-żieda fis-salarju. Il-qorti tosserva wkoll li l-mod kif l-appellant wieġeb għad-domandi waqt il-kontro-eżami, ma jagħtuhiex x'tifhem li hu t-tip ta' persuna li ser ikun faċilment sorpriż.

26. Il-qorti żżid li sar ukoll kontro-eżami tax-xhieda prinċipali tal-appellata, u ma jirriżultax li taw tweġibiet li jpoġġu f'dubju ċar il-kredibilta' tagħhom. Ċirkostanza oħra favur il-kumpannija appellata.

27. Fir-realta' ir-rikors tal-appell mhu xejn għajr ripetizzjoni ta' dak li qal l-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-ewwel qorti. Appell li ma jistax iservi sabiex din il-qorti tikkonkludi li fl-apprezzament tal-provi, l-ewwel qorti kkommettiet żball manifest li qatt ma kellu jsir u li minħabba fih waslet għall-konklużjoni żbaljata li jagħmel inġustizzja mal-appellant.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.